**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mario Xiberras)**

**Vs**

**Raymond Bonnici**

**Kaz Numru: 664/18**

**Illum 19 ta' Ottubru 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Raymond Bonnici detentur tal-karta tal-identita' numru 0053161M:

U nakkuzah talli nhar it-08 ta' Ottubru 2018 u/jew fil-granet ta' wara minn gewwa post dar tal-anzjani bl-isem Cospicua Misrah Santa Margherita, Bormla f'Malta;

1. Ikkommettejt serq ta' flus kontanti s-somma ta' 5000 euro li hu ikkwakifikat bil-valur u bil-lok liema ammont jeccedi il-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,32937) u dan sar ghad dannu ta' Carmelo Bonnici li hu residenti f'dar li jisimha Cospicua Home Misrah Santa Margherita, Bormla.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u li huwa kkonferma l-istess ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant din giet sodisfacjentment ippruvata.

Illi inkwantu ghal piena li ghandha tigi erogata l-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, l-ammissjoni bikrija u c-cirkostanzi tal-kaz inkluz il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta. L-istess imputat wera li ddispjacih ghall-akkadut u ddikjara wkoll li huwa lest li jirritorna lura l-flus li seraq lil missieru izda talab zmien billi d-dhul tieghu huwa wiehed baxx. L-ufficjal prosekutur inoltre’ ddikjara li ghandu fil-pussess tieghu l-ammont ta’ 350 euro (ammont li fadal mill-flus misruqa mill-imputat) li llum stess se jigu ritornati lill-vittma. Inoltre’ l-istess vittma, li minhabba l-eta’ tieghu ma setax ikun prezenti, talab lill-Ispettur jinforma lill-Qorti li huwa kien qieghed jahfer lil ibnu purche’ l-flus jigu ritornati lilu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(e), 267, 269(g), 279(b) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hat ital-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghdin jigu sospizi ghal tlett (3) snin.

Inoltre’ bl-applikazzjoni tal-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna lill-hati jhallas l-ammont ta’ 4,650 euro lil Carmelo Bonnici f’pagamenti mensili ta’ 155 euro, liema pagament irid jithallas kull hdax (11) tax-xahar u l-ewwel pagament jibda fil-11 ta’ Novembru 2018.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Tordna li din is-sentenza flimkien mal-atti jigu notifikat lill-Avukat Generali fi zmien skont il-ligi.

**Dr Josette Demicoli LL.D**

**Magistrat**